BIRGU
Citta' Vittoriosa

Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** – Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166
e.mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

# Minuti tal-laqgħa 26 (06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' għal laqgħa numru 26 fl-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill fil-Berġa ta' Franza nhar it-Tnejn, 16 ta' Diċembru, 2013 fil-4.30 ta' filgħaxija fil-Berġa ta' Franza.

## Prezenti

Is-Sindku s-Sur John Boxall, il-Viċi Sindku, S-Sur Trevor Mizzi, l-Kunsilliera, s-Sur Anton Gellel u s-Sur Lawrence Attard.

Is-Sur Trevor Mizzi daħal għal-laqgħa fis-4.50 ta' filgħaxija.

Is-Sur Alan Cassar kien skuzat.

Is-Sinjura Isabella Testaferrata De Noto, Deputat Segretarju Ezekuttiv.

## Talba

Il-laqgħa bdiet fil-4.40 ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ta bidu għal-laqgħa ta' urġenza.

### 1. Għazla tal-Bord ta' l-Għazla għal ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien irċieva applikazzjoni waħda eleġibbli għal post vakant ta' Segretarju Eżekuttiv. Għalhekk is-Sindku talab sabiex jinħatar Bord ta' l-Għazla għal ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv sabiex il-Kunsill ikun jista' jibda bil-proċess għall-ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv peress li l-ħatra tad-Deputat Segretarju Ezekuttiv tittermina fl-31 ta' Diċembru 2013..

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Trevor Mizzi, il-Kunsill qabel unanimament li l-Bord ta' l-Għażla jkun kompost mis-Sindku s-Sur John Boxall, mil-Viċi Sindku s-Sur Trevor Mizzi, mis-Sur Carmel Tabone, mis-Sinjura Andrea Dibben u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

2. Għazla tal-Bord ta' l-Għazla għal ingaġġ ta' Skrivan/a Skala 15

Is-Sindku nforma ukoll lill-Kunsill li kien irċieva l-applikazzjonijiet mingħand applikanti li jirreġistraw taħt *Part 1* mal-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għal post vakant ta' Skrivan/a fi skala 15. Għalhekk is-Sindku talab ukoll sabiex jinħatar Bord ta' l-Għazla għal-ingaġġ ta' Skrivan/a skala 15.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Lawrence Attard, il-Kunsill qabel unanimament li l-Bord ta' l-Għażla jkun kompost mill-istess persuni li ser jagħmel l-intervisti tas-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-intervisti kienu ser isiru f'din il-ġimgħa.

Il-laqgħa spiċċat fil-5.15 ta' filgħaxija.

Isabella Testaferrata De Noto
Deputat Segretarju Ezekuttiv

ikkonfermati John Boxall
Sindku